A.L. 414 ta' l-2005

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti ta' l-2005 dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, wara konsultazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2006.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

"il-Bord" tfisser il-Bord dwar il-Petizzjonijiet imwaqqaf bir-regolament 3;

"Kummissarju" tfisser Kummissarju għall-Ġustizzja maħtur taħt l-artikolu 3 ta' l-Att;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"reat imniżżel fl-Iskeda" tfisser reat stipulat fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att, li jsir wara li dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ.

Bord dwar il-Petizzjonijiet.

3. (1) Ikun hemm Bord, li jkun magħruf bħala l-Bord dwar il-Petizzjonijiet, li jkun kompost minn persuna waħda li tinħatar mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, li jista' jaħtar iktar minn Bord wieħed skond kif jista' minn żmien għal żmien jordna.

(2) Il-persuna li toqgħod fil-Bord għandha tinħatar għal perjodu ta' sentejn u matul il-perjodu li hija tkun fil-kariga hija tista'

biss titneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru għall-istess raġunijiet li għalihom jista' jitneħħa Maġistrat.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord huma dawn li ġejjin:-

(a) li jiddeċiedi dwar il-petizzjonijiet li jsiru quddiemu minn kull min jiġi, jew ikun ser jiġi, akkużat b'reat imniżżel fl-Iskeda quddiem Kummissarju;

(b) biex jordna t-twarrib jew li ma jitkomplewx proċedimenti quddiem il-Kummissarju li jkollhom x'jaqsmu ma' xi reat imniżżel fl-Iskeda fuq talba ta' persuna msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan; u

(ċ) biex tinħafirlu, għal kollox jew f'parti minnha, xi piena pekunjarja imposta mill-Kummissarju wara proċedimenti dwar xi kontravenzjoni ta' reat imniżżel fl-Iskeda.

Petizzjonijiet quddiem il-Bord.

4. (1) Kull min ikun soġġett għal proċedimenti mibdijin kontrih skond ma hemm imsemmi fir-regolament 3 jew li jkun insab ħati wara proċedimenti bħal dawk, jista' jippreżenta petizzjoni quddiem il-Bord fejn jitlob li dawk il-proċedimenti jew jitwarrbu jew ma jitkomplewx, u, jew li tinħafer il-piena kollha kemm hi jew parti minnha.

(2) Dik il-petizzjoni għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru tal-Kummissarji mhux iżjed tard minn għaxart ijiem minn meta jkun allegatament sar ir-reat imniżżel fl-Iskeda; b'dana però li meta il-petizzjonant ma kienx jaf li se jinbdew proċeduri kontriħ, dak it-terminu jibda' jgħodd mill-ġurnata meta hu sar jaf li sejrin jinbdew, jew li nbdew dawk il-proċeduri, jew li l-każ ġie deċiż mill-Kummissarju, skond liema jaħbat l-aktar kmieni.

(3) Fil-petizzjoni għandu jkun hemm, taħt piena ta' nullità, ir-raġunijiet għal dak li jkun qiegħed jintalab fil-petizzjoni.

(4) Ebda petizzjoni ma tista' tiġi milqugħa jekk il-piena pekunjarja tkun tħallset.

Awli fejn jiġu trattati l-petizzjonijiet.

5. Għandu jkun hemm daqstant awli tal-Bord daqskemm jista' jordna l-Ministru. Il-petizzjonijiet jiġu assenjati lid-diversi awli abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni minn dak l-uffiċjal jew minn dik il-persuna li tista' tinħatar għaldaqshekk mill-Ministru.

Il-mod kif jinflew il-petizzjonijiet.

6. Il-Bord għandu jeżamina l-petizzjonijiet li jaslulu u jilqa' biss petizzjoni f'parti minnha jew kollha kemm hi meta jkun hemm raġunijiet tassew għaliex għandu jilqagħha, bħal fil-każ:

(a) ta' xi żball evidenti fl-identità ta' l-akkużat jew fl-identifikazzjoni ta' xi vettura involuta fir-reat imniżżel fl-Iskeda;

(b) ta' xi żball evidenti li jkun wassal biex l-akkużat ikun insab ħati skorrettement tar-reat imniżżel fl-Iskeda;

(ċ) raġunijiet umanitarji li jtaffu ċ-ċirkostanzi li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għemil tar-reat imniżżel fl-Iskeda;

(d) meta l-ħruġ ta' l-akkuża jew ta' l-avviż taħt l-artikolu 14 ta' l-Att jew ix-xorta tagħhom tkun waħda manifestament inġusta jew oppressiva, meta jiġu kkunsidrati x-xorta u l-fatti tal-każ;

(e) meta l-proċeduri għall-ħruġ tal-kontravvenzjoni ma jsegwux id-disposizzjonijiet ta' l-Avviżi Legali 350/04 u 51/05.

Eżawriment ta' proċediment.

7. (a) Meta l-Bord jilqa' petizzjoni dwar proċedimenti li jkunu għadhom pendenti jew li jkunu għad iridu jinbdew, dawk il-proċedimenti jiġu eżawriti għall-finijiet kollha tal-liġi.

(b) Meta l-Bord jaħfer piena, dik il-piena ma tkunx tista' terġa' tingħabar taħt l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja jew taħt xi liġi oħra.

(ċ) Meta l-Bord jilqa' petizzjoni jew jaħfer piena għandu jintbagħat avviż ta' dan lill-Kumitat Konġunt rispettiv, li għandu jieħu l-passi meħtieġa fi żmien ħamest ijiem sabiex jirriduċi jew jikkanċella, skond il-każ.